**A.L. 387 ta' l-2005**

## ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
## (KAP. 363)

### Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 37(3) u 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1994 dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 153 ta' l-1994.

Jemenda regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Fir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali minflok subregolamenti (3) sa (5) għandhom jidħlu dawn is-subregolamenti ġodda kif ġej:-

"(3) Il-Kumitat għandu, wara konsultazzjoni mal-Ministru, jaħtar Segretarju Eżekuttiv:

Iżda meta l-Kumitat jirrifjuta jew jonqos milli jaħtar Segretarju Eżekuttiv, jew Deputat Segretarju Eżekuttiv, il-Ministru għandu jaħtar Aġent Segretarju Eżekuttiv.

(4) Is-Segretarju Eżekuttiv jista' jkun uffiċjal pubbliku jew jista' jinħatar minn barra s-servizz pubbliku:

Iżda jekk is-Segretarju Eżekuttiv jinħatar minn barra s-servizz pubbliku, għandhom jitħarsu l-ħtiġiet ta' l-artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni.

(5) Il-Kumitat għandu jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv biex iwettaq il-funzjonijiet minflok is-Segretarju Eżekuttiv kull meta s-Segretarju Eżekuttiv ma jkunx għal xi raġuni

jista' iwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu jew kull meta l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv tkun vakanti.".

Iżid ir-regolament 4A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

**3.** Minnufih wara r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan ir-regolament ġdid li ġej:–

"Kwalifiki tas-Segretarju Eżekuttiv.

**4A.** Ebda persuna ma tkun kwalifikata biex tinħatar bħala Segretarju Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni jekk dik il-persuna ma tipproduċix ċertifikat, attestazzjoni, riferenza jew dikjarazzjoni li għandha dawk ir-rekwiżiti li huma normalment meħtieġa għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ta' xi Kunsill Lokali.".